MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 353/2007

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Kevin Marmara**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Bank rikorrenti fejn dan wara li ppremetta illi:

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`kuntratt datat 17 ta` Marzu, 2003 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon (Dok. A), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil konvenut Kevin Marmara;

2. Is-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Kevin Marmara fis-somma ta` wiehed u erbghin elf, mija u tnejn

u disghin liri Maltin u tletin centezmu (Lm41,192.30) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta` Kevin Marmara mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B”, Dok. “C1” sa “C2” u Dok. “D1” sa “D2”) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mis-16 ta` Marzu, 2007 sad-data ta` l-effettiv pagament;

3. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt (u hawn esebiti bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kevin Marmara

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat;

4. L-atturi nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenut gie interpellat permezz ta` ittra ufficjali datata 18 ta` April, 2006 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “E”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa` inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Talbu lil konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 17 ta` Marzu, 2003 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kevin Marmara (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat u

2. Tikkundanna lil Kevin Marmara ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` wiehed u erbghin elf, mija u tnejn u disghin liri Maltin u tletin centezmu (Lm41,192.30) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta` Kevin Marmara mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B”, Dok. “C1 sa C2” u Dok.

“D1 sa D2”) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mis-16 ta` Marzu, 2007 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 18 ta` April, 2006 u tal-Mandat ta` Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, baqa` ma pprezenta ebda twegiba.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat li mill-provi prodotti t-talbiet tal-bank rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti:

1. Tilqa` l-ewwel talba.
2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lil Kevin Marmara ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` hamsa u disghin elf, disa` mija u tnejn u hamsin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu €95,952.25 (Lm41,192.30) flimkien ma` l-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez jithallsu mill-istess Kevin Marmara.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------